MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Numru 322/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

**Graziella Abela Moran ta' 20 sena mwielda Pieta nhar it-28 ta' Awissu 1984 bint Vincent Abela u Carmen nee' Moran residenti Triq l-Izbark Tat-Torok il-Qajjenza jew Cavega Bldgs Flat 3/4 Cospicua Road Paola detentur ta' Karta tal-Identita Nru 419984M**

**<u>Illum 19 ta' Ottubru, 2005</u>**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi migjuba kontra Graziella Abela Moran nhar l-10 ta' April 2005 bejn it-3.00am u is-6.00am min gewwa u cioe waqt li kienet gewwa l-istabbiliment Sugar Shake ta' Triq San Gorg San Giljan, ikkommettiet serq ta' handbag, accessorji ohra u telefon cellulari a detriment ta' Rachelle

Tabone minn San Gwann liema serq huwa aggravat bil-hin u bl-ammont u dan ai terminu tal-artikolu 261, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess post, hinijiet u taht l-istess cirkostanzi xjentament laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement indahlet sabiex tbieghom jew tmexxhihom u cioe` l-oggetti imsemmija fl-ewwel akkuzi a detriment tal-istess persuna imsemmija kif ukoll accesorji ohra a detriment ta' Dorianne Micallef minn Hal-Qormi u dan ai terminu tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni kif registrata u cioe` dik ta' serq.

Rat il-verbal li sar u cioe l-koperazzjoni ta' l-istess akkuzata fl-investigazzjonijiet.

Rat il-fedina penali taghha li hija ghal kollox netta.

Rat l-artikoli 261, 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issibha hatja ta' l-istess.

Qed tilliberaha mir-reat ta' ricettazzjoni.

Qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 6 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------